# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Gunju 2022**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 886/2018 JVC**

**Anthony Rapa (ID 40948G); Giacinta Rapa (ID 310049M) fil-kwalita' taghhom ta' eredi ta' Stephanie Rapa (ID 566887M)**

**vs**

**Anthony Chircop (ID 356677M); Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Anthony Rapa u Giacinta Rapa kkonfermaw bil-ġurament u talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti huma l-eredi ta' Stephanie Rapa li mietet nhar it-19 ta' Ottubru 2017 wara li kienet giet imtajra minn karozza nhar id-19 ta' Ottubru 2017 stess.

2. Illi in effetti nhar id-19 ta' Ottubru 2017 ġewwa Triq ix-Xatt, Gzira l-intimat Anthony Chircop tajjar lil Stephanie Rapa bil-vettura tiegħu tal-għamla Nissan GTR bin-numru tar-reġistrazzjoni SKYLINE u dana minħabba imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess intimat Anthony Chircop.

3. Illi l-vettura konċernata kienet assikurata mas-soċjeta Mapfre Middlesea p.l.c.

4. Illi konsegwenza ta' dan l-esponenti sofrew danni.

5. Illi l-intimati ġew interpellati mir-rikorrenti permezz ta' ittri legali datati t-8 ta' Marzu 2018, 27 ta' April 2018, 24 ta' Lulju 2018 u permezz ta' ittra uffiċjali datata 27 ta' Ġunju 2018 sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni lilhom kaġunati b'konsegwenza ta' dan l-inċident.

6. Illi l-intimati pero baqgħu inadempjenti u ma ntlaħaqx ftehim sal-ġurnata tal-lum dwar id-danni dovuti konsegwenza ta' dan l-inċident fatali u ghalhekk kellha ssir din il-kawża.

7. Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti f'dik is-somma li għandha tiġi minn din l-Onorabbli Qorti likwidata, rappreżentanti danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-inċident li seħħ nhar id-19 ta' Ottubru 2017 meta l-intimat Anthony Chircop tajjar lil Stephanie Rapa li konsegwentament tilfet ħajitha, inklużi d-danni morali sanċiti fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta u dana minħabba imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolament da parti tal-istess Anthony Chircop.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti inkluż id-danni morali sanċiti fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta, b'konsegwenza tal-inċident imsemmi, jekk ikun meħtieġ bil-għajnuna ta' esperti; u

3. Tikkundanna lill-intimati jħalsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittri legali datati t-8 ta' Marzu 2018, 27 ta' April 2018, 24 ta' Lulju 2018 u tal-ittra uffiċjali datata 27 ta' Ġunju 2018 kontra l-intimati minn issa nġunti ghas-subizzjoni u l-imgħax skont il-ligi.'.

Rat ir-risposta guramentata tas-soċjeta' intimata Maprfe Middlesea p.l.c. u tal-intimat Anthony Chircop li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-intimati jiċħdu r-responsabbilta' ghall-incident li seħħ fid-19 ta' Ottubru 2017 gewwa Triq ix-Xatt, Gżira;

2. Illi għaldaqstant l-ebda ammont m'ghandu jiġi llikwidat favur l-atturi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attturi jridu jippruvaw d-danni realment subiti minnhom;

4. Illi ukoll mingħajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni morali li qed jitolbu l-atturi mhumiex applikabli għal każ odjern stante illi fid-data tal-inċident dawn kienu ghadhom ma gewx introdotti fl-artiklu 1045 tal-Kodiċi Ċivili u fi kwalunwke każ, il-ligi llum reġgħet giet emendata b'tali mod li ma tapplikax ghal każijiet bhal dak in kwistjoni.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li hu min issa inġunt in subizzjoni.'

Rat l-affidavits, xiehda, dokumenti, rapporti, usb kontenenti filmati u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 28 ta' Marzu, 2019, fejn wara li giet intavolata talba mir-rikorrenti sabiex jigi mahtur espert psikjatriku u jirrelata dwar id-danni psikologici kkagunati lir-rikorrenti konsegwenza tal-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza fejn sfat imtajjra binthom Stephanie Rapa li konsegwentement tilfet hajjita, gie nominat Dr. Joseph Cassar minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni bejn il-partijiet dwar jekk ir-rikorrenti ghandhomx jedd o meno ghal rizarciment tad-danni fit-termini tal-artikolu 1046.

Rat illi fil-verbal datat 20 ta' Jannar 2022 ir-rikors ġie differit ghal-lum ghad-deċizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikors odjern jikkonsisti f'talba tar-rikorrenti Anthony Rapa u Giacinta Rapa fil-kwalita' taghhom bhala eredi ta' Stephanie Rapa sabiex din il-Qorti ssib lill-intimat responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar id-19 ta' Ottubru, 2017 gewwa Triq ix-Xatt, Gzira fejn waqt li Stephanie Rapa kienet qed taqsam l-istess triq sfat imtajjra mill-intimat Anthony Chircop li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Nissan GTR bir-registrazzjoni 'Skyline'. Stephanie Rapa tilfet hajjitha konsegwenza tal-incident. Ir-rikorrenti jsostnu li l-mewt giet ikkagunata minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat Anthony Chircop. Ir-rikorrenti jallegaw li sofrew danni u stante li ma ntlahaqx ftehim bejn il-partijiet giet intavolata l-kawza odjerna. Ir-rikorrenti jitolbu li l-intimat u s-socjeta' assigurattiva ntimata jigu dikjarati debituri tar-rikorrenti tas-somma likwidata ta' danni rizultanti mill-incident imsemmi. Jitolbu lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti, nkluz danni morali rizultanti u li l-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu d-danni hekk likwidati.

Illi permezz tar-risposta taghhom l-intimati jichdu r-responsabilita' tal-intimat Anthony Chircop ghall-incident in kwistjoni anzi jsostnu li sehh b'tortijiet mputabbli lil Stephanie

Rapa u ghalhekk jeccepixxu li ma hemm l-ebda danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Ulterjorment u minghajr pregudizzju jeccepixxu li jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw id-danni sofferti u li d-danni morali mhux applikabbli ghall-kaz odjern kemm ghaliex meta sehh il-kaz il-ligi kienet ghadha ma gietx introdotta permezz tal-artikolu 1045 tal-Kodici Civili wkoll ghaliex kif il-ligi giet emendata fil-frattemp il-kaz odjern ma jaqax fil-parametri taghha.

**<u>Responsabbilta':</u>**

Il-Qorti rat mill-atti li l-provi principali fil-kaz odjern huma numru ta' filmati li ttiehdu permezz ta' CCTV fejn jidher l-incident qed isehh minn diversi angoli, id-diversi verzjonijiet li ta l-intimat, verzjonijiet ta' xhieda okulari moghtija lill-Pulizija, il-membri tal-Pulizija nvoluti u rapporti ta' esperti nominati ghall-iskop tal-inkjesta.

Il-Qorti rat ukoll li a fol. 40 et seq tal-process gie esebit parti mill-process kriminali kontra l-intimat Anthony Chircop li jgib in-numru 107/2018. Dan gie esebit in parte stante li l-proceduri, almenu sad-data li din il-kawza marret ghad-decizjoni, kien ghadhom *sub judice*. Il-Qorti hadet nota tal-kontenut ta' dan il-process. Fost ohrajn rat l-imputazzjoni fil-konfront tal-intimat (fol. 41) li huma ta' natura involontarja u l-kondotta tieghu li tinkludi kaz precedenti ta' sewqan perikoluz (Fol. 44).

A fol. 46 rat l-stqarrija tal-intimat **Anthony Chircop** datata 30 ta' Jannar, 2018 u cioe' aktar minn tlett xhur wara l-incident li sehh nhar id-19 ta' Ottubru, 2017. Dwar kif sehh l-incident huwa jistqarr kif isegwi:

'Mela, ghal xi 07:15 ta filghaxija kont wasalt fejn il-bridge ta Manoel Island, ta quddiem waqaf fejn it-traffic lights, kif qeleb id-dawl, ta quddiemi saq u jien soqt warajh. Kif wasalna fejn il-kafe Jubilee ta quddiemi dar mieghu, jien bqajt nsuq kien hemm karozzi double parking, u kif wasalt fejn l-Ohea ta nuccalijiet harget karozza, jien naqqast sakemm ghadda u bqajt nsuq kif hareg. Qbadt is-sigar li hemm fuq ic-central strip u f'sekonda rajt xi haga hierga, smajt boom, waqaft mill-ewwel, hrigt mil-karozzza u sibt mara hdejn il-karozza u cempilt l-emergenza mill-ewwel.'

Jispjega li l-'boom' semaha fuq quddiem tal-karozza. Jghid li kollox gara f'sekonda. Il-haga hierga ra gejja minn fuq il-lemin minn naha tas-sigar. Mistoqsi bil-kemm kien ghaddej jghid forsi taht il-hamsin kilometru (50km) izda ma kienx qed ihares lejn l-ispeedometer. Mistoqsi ghalfejn qed jara li ra xi haga meta lis-surgent *a tempo vergine* qallu mara, jirrispondi li jaf li kienet mara ghaliex mbaghad raha mal-art. Ikompli li lill-mara raha mal-art fuq wara tal-karozza n-naha tieghu. Dwar il-vettura jghid li kienet ilha ghandu xi tlett snin u jsuqha darba f'xahar jew xahrejn. Jghid li kif sema l-hoss huwa waqaf u hareg. Mistoqsi ghalfejn ta zewg verzjonjiet differenti dwar minn fejn kien gej cioe' li lis-surgent qallu li kien gej minn-naha tal-gzira u lill-iSpettur qallu li kien gej min naha ta tas-Sliema, xeba' fit-traffic u ghamel U-Turn jichad li qatt ghamel U-turn. Mistoqsi allura kif jispjega erbghin metru (40m) 'tyre marks' jghid li ma jafx u li jahseb li lanqas huma tieghu.

Fl-istqarrija l-intimat jigi konfrontat b'zewg verzjonijiet differenti li huma kif isegwi:-

Il-verzjoni moghtija mill-intimat lis-Surgent immedjatament wara l-incident:

‘Kont gej mill-gzira direzzjoni lejn sliema, waqaft fuq il-lights ta’ fejn l-hsbc, kien hemm vettura quddiemi li daret l-ewwel triq fuq ix-xellug u jien qbajt sejjer dritt direzzjoni lejn tas-sliema u f’daqqa wahda harget mara minn bejn is-sigar u qbajt diehel go fiha.’

Il-verzjoni moghtija lill-Ispettur ftit tal-hin wara l-incident:

‘kont gej min-naha tas-Sliema sabiex mmur l-Pieta ghand it-tfajla, izda rajt it-taffic u ghamilt U-turn sabiex nghaddi minn triq differenti. Ghamilt dan il-U-turn ftit il-fuq minn fejn tispicca s-central stip u kif bdejt nsuq lejn tas-Sliema, kien hemm mara fejn nizlet minn fuq ic-central strip minghajr ma thares. Filfatt hi kienet wicca l-quddiem u id-daqqa filfatt haditha mal-genb ta’ wiccha.’

L-intimat fl-istqarrija tieghu jibqa’ jghid li dan kollu gideb. Waqt l-istqarrija l-intimat gie muri filmat tal-incident u mistoqsi jekk jibqax jinsisti li l-vittma qasmet minn qalb is-sigar jirrispondi li:

‘mija fil-mija li kif qbadt is-sigar smajt il-hoss ghax diga kont qbizt l-ewwel sigra.’

Dwar il-filmat jghid li lanqas huwa reali l-filmat.

Mistoqsi jekk jafx li bid-daqqa l-vittma gholiet m’ghola l-palma jghid li ma jafx ghax kien fil-karrozza. Mistoqsi xi hsarat garrbet il-karozza jghid li ‘windscreen’ u ghafsa fuq il-bonnet u ghafsa fil-‘mud guard’.

Mistoqsi li tant kien ghaddej b’velocita’ li l-affarijiet tal-vittma spiccaw mferxin diversi metri, jichad li kien ghaddej b’velocita’

jghid li kien ghaddej normali li ghalih ifisser hamsin kilometru (50 km). Mistoqsi jekk l-unika rimors tieghu hija l-vettura jghid li mhux minnu u li hu staqsa biex ikellem il-familjari tal-vittma izda ma hallewhx. Dwar il-valur tal-vettura jghid li xtraha disghin elf Euro (€90,000) mill-Ingilterra.

A fol. 53 et seq giet esebita x-xiehda tal-Ispettur Jonathan Ransley. Dan ix-xhud a fol. 54 jixhed:

'Li nixtieq nghid jiena, il-footage rajtu, l-impatt ma sarx kif intqal lilna, la l-ewwel darba u lanqas it-tieni darba. Fil-fatt, l-impatt sar, qabel is-central strip, u ma hargitx, is-sinjorina Rapa, ma hargitx minn qalb is-sigar. Qasmet min-naha tal-bahar, kif waslet, kwazi, tlett kwarti tat-triq, hemm hekk sehh l-impatt, u waqfet bid-daqqa li nghatat, telghet airborne, gholiet, u nizlet, jigiferi, ma waqafx mal-impatt, waqaf, wara li nizlet, aktar 'il quddiem milli nizlet jigifieri, mhux vera, dak kollu li qal fl-istqarrija, irrizulta li mhux vera mill-filmat li ghandna ahna u li gie eventwalment, prezentat fl-inkjesta.'

Rat li l-istess Spettur xehed ukoll fl-atti odjerni a fol. 255 et seq tal-process. Huwa jixhed:

'Gie osservat fuq il-post li kien hemm tyre marks twal daqsxejn. Filfatt ahna hsibnihom brake marks ghall-bidu. Kienu jekk mhux sejjer zball erbghin metru imbaghad konna rajna xi footages jiena u l-espert Martin Bajada u jekk mhux sejjer zball kien hemm l-espert Mario Buttigieg maghna ta' zewg stabbiliment. Ta' Moo's Kebabs u l-filmat l-iehor insejt ta' min kien imma ta' hanut tax-xorb jekk mhux sejjer zball. Fil-fatt fuq dik rajniha. Iktar milli brake marks kienu tyre marks ghax din apparentament il-karozza kienet four wheel drive u iktar ma tghaqqad it-tyres iktar itella'

speed milli nista' nifhem pero ahna rajna U turn ghax ahna konna hsbina li gej min-naha tal-Gzira lejn Tas-Sliema ghalhekk ghidna brake marks imma milli rajna mill-footage rrizulta li ghamel U turn ghax hemm hekk qabel tigi Maonel Island ic-central strip tispicca u mhux suppost isir U turn imma ghamel U turn allura bilfors li kellhom ikunu tyre marks u mhux brake marks pero imbaghad dahal iktar fid-dettal kien l-espert Mario Buttigieg fir-relazzjoni tieghu.'

A fol. 257 tal-process jigi mistoqsi allura jekk kienx hemm distanza kbira bejn il-punt li ghamel il- U turn u fejn sehh l-impatt jixhed li kien hemm iktar minn erbghin metru zgur ghax kien hemm erbghin metru tyre marks. Iktar minn erbghin metru. Kien hemm bizzejjed biex itella' dak l-ispeed. Mistoqsi jekk kienx hemm 'zebra crossing' jew 'lights' jixhed li minn fejn qasmet le imma kien hemm ftit iktar il-fuq u ftit iktar 'l isfel. Wahda ezatt kif taqbez Manoel Island u wahda vicin il-Bank of Valletta.

In kontro-ezami a fol. 512 dan ix-xhud ma jinstemax daqshekk cert li mill-filmati l-vettura tal-intimat dehret jew le taghmel U-Turn.

Din il-Qorti rat ukoll ghal diversi drabi l-filmati li ngabru waqt l-inkjesta u li kopja taghhom giet esebita fl-atti permezz ta' usb a fol. 488 tal-process. F'dan ir-rigward il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada (fol. 379 et seq tal-process) b'referenza ghall-filmati li huwa eleva. Rat ukoll ir-ritratti mehuda mill-istess filmati esebiti mar-relazzjoni msemmija.

Illi mill-erba' filmati esebiti permezz ta' USB a fol. 488 tal-process l-Qorti setghet tara d-dinamika ta' kif sehh l-incident. Mill-filmat tal-kamera li ggib in-numru 4 (u li taghha hemm zewg filmati li jkomplu wara xulxin) mill-ewwel filmat fil-hin li jindika 19.34.08

tidher il-vettura li l-probabilita' l-kbira hija tal-intimat ghaddejja minn naha l-ohra tat-triq direzzjoni lejn l-Imsida. Fil-hin indikat 19.34.18 tidher l-istess karozza tal-intimat tieqaf f'daqqa wahda tant li tela' qisu duhhan minn taht l-istess vettura din id-darba l-karozza kienet tinsab fil-karreggjata opposta sejra lejn tas-Sliema. Immedjatament fuq wara mal-vettura malli din tieqaf jidher gisem il-vittma jaqa' b'sahha kbira fuq wara tal-vettura, jinstabat mal-art u ma jiccaqlaq xejn.

Mill-filmat tal-kamera numru 8 u li bhala stat ta' fatt turi aktar lejn id-direzzjoni ta' faccata u lejn Manoel Island u li milli fehmet il-Qorti sservi l-istess stabiliment ghalhekk il-hin li jidher fuqha jikkombaca ma' dik tal-camera bin-numru 4, fil-hin indikat bhala 19.33.56 tidher il-vittma mixja fuq il-bankina n-naha tal-bahar cioe' faccata tar-restaurant li tieghu hija l-camera – il-vittma tidher miexja direzzjoni lejn il-pont ta' Manoel Island. Fil-hin indikat bhala 19.34.09 tidher il-vettura tal-intimat ghaddejja mill-karreggjata ta' faccata tal-istabiliment u cioe' dik li taghti direzzjoni lejn il-pont ta' Manoel Island. Fil-camera numru 4 nqabdet ezatt qabel bhala hin ghar-raguni li dik il-kamera thares aktar lejn direzzjoni tas-Sliema mill-kamera numru 8 li thares aktar direzzjoni lejn Manoel Island. Wara dan, mill-istess camera 8 immedjatament li tghaddi karozza tal-linja, fil-karreggjata opposta direzzjoni lejn il-pont ta' Manoel Island tidher il-vittma taqbad taqsam it-triq b'ritmu mghaggel kwazi tigri. Malli waslet f'nofs it-triq ezatt fejn tispicca c-central strip li fiha hemm ukoll sigar, u ghalhekk fejn it-triq tigi wahda shiha ghajr ghal-linji fit-triq, il-vittma ma tidhirx tieqaf izda tibqa' ghaddejja tigri tkompli taqsam din id-darba l-karreggjata l-ohra li taghti lejn tas-Sliema. Ghal kuntrarju ta' dak li setghu taw x'jifhmu uhud mix-xhieda fl-atti tal-kaz odjern, il-Qorti, mill-filmati, fl-ebda hin ma rat lill-vittma tieqaf f'nofs tat-triq qabel ma nvadiet u kompliet taqsam il-

karreggjata fejn sehh l-incident. Malli l-vittma taqbez nofs it-triq (fejn tispicca s-central strip) u tidher tibqa ghaddejja tigri, f'dan il-mument tidher f'daqqa wahda l-vettura tal-intimat gejja lejn id-direzzjoni ta' tas-Sliema u jsehh l-impatt. Mal-impatt gisem il-vittma ma jibqax jidher ghal hin qasir hafna izda jidher jaqa' b'sahha kbira diversi metri l' quddiem. Jirrizulta lill-Qorti fil-fatt mill-filmat tal-kamera numru 4 li gisem il-vittma tar jew ghola ghaliex dan ma jidhirx fil-camera izjed u waqa' diversi metri l' quddiem fil-karreggjata lejn tas-Sliema tant li nizel fuq wara tal-vettura wieqfa tal-intimat li waqfet diversi metri aktar il' quddiem minn fejn sehh l-impatt.

Mill-filmat tal-kamera numru 4 jirrizulta li ezattament wara l-pjattaform li tidher f'din il-kamera kien hemm vetturi 'double parked' sahansitra aktar il-barra fit-triq mill-pjattaforma.

Dwar l-impatt kif jidher mill-filmati l-Ispettur Ransley fl-atti kriminali jixhed:

'Jigifieri, l-impatt sar qabel ic-central strip, u hi, waqghet, zewg palmi tlieta, jigifieri tibda s-central stip, tliet palmi jew tnejn, u waqghet hemm hekk, jigifieri, pjuttost il-boghod'. (fol. 55)

Minn kamera ohra ta' stabiliment iehor bin-numru 1 fuq il-USB jidher l-impatt bejn il-vettura u l-vittma quddiem il-kantuniera ta' barra tal-pjattaforma tal-istabiliment li tinsab fit-triq fuq in-naha tax-xellug kif tidher fl-istess camera. Fil-fatt jidher bhal dawl f'daqqa jixghel fil-mument li sehh l-impatt. In-nies li kienu bil-qieghda fuq il-pjattaforma jidhru jqumu u jharsu direzzjoni lejn tas-Sliema fejn fil-fatt waqfet il-vettura tal-intimat u gisem il-vittma warajha aktar il' quddiem fil-karreggjata. Minn din il-

camera jidher ukoll li mal-pjattaforma tal-istabiliment fuq in-naha ta' barra kien hemm sahansitra karozza pparkjata fit-triq.

Il-Qorti b'referenza ghall-pjanta esebita a fol. 94 tal-process redatta originarjament mill-Perit Richard Aquilina, il-Qorti wara li kif gia inghad rat il-filmati ghal diversi drabi tikkonferma li dak li huwa ndikat bhala 'Il-post tal-incident' fuq dan id-dokument huwa ezattament fejn jidher li sehh l-impatt bejn il-vittma u l-vettura fil-filmati li rat din il-Qorti b'ghajnejha.

Illi l-Qorti rat ukoll ix-xiehda tas-Surgent PS 1033 li acceda fuq il-post wara l-incident (a fol. 68 et seq tal-process) fil-hin li l-vittma kienet gia ttiehdet minn fuq il-post. Dwar il-hsara li kellha l-vettura tal-intimat jghid li kellha hsarat fil-bonnet u kellha hsarat fil-windscreen, specjalment in-naha tax-xufier, u kellha wkoll l-airbags mahrugin. Dwar il-verzjoni li tah ix-xufier dak il-hin jerga' jikkonferma li qallu:

'Kont gej mill-gzira direzzjoni lejn sliema, waqaft fuq il-lights ta' fejn l-hsbc, kien hemm vettura quddiemi li daret l-ewwel triq fuq ix-xellug u jien qbajt sejjer dritt direzzjoni lejn tas-sliema u f'daqqa wahda harget mara minn bejn is-sigar u qbajt diehel go fiha.'

Dan ix-xhud jghid li fuq il-post kellem u ha l-verzjoni wkoll ta' zewg xhieda okulari. Ta' certa Louise Gouder li qaltlu:

'jien kont qeghda barra, f'dan l-istabbiliment Sistina, meta f'daqqa wahda, smajt hoss, u rajt mara ttir darbtejn fl-arja, wara nofs it-tieni sigra tal-palm, ezatt mal-hanut Moos Kekabs, u wara rajt vettura bajda, wieqfa quddiemha.'

Izid li certu Soner Gurelli tah verzjoni kif isegwi:

'the car was coming from Gzira to Sliema, and the car was coming very fast, and I just saw a lady, going up in the air, just between the two palms, infront of Moos Kebabs, and I saw her hitting her head on the ground.'

Dawn il-verzjonijiet fil-fatt jinsabu riportati fil-kopja tar-rapport esebita a fol. 70 et seq tal-process. Il-Qorti izda tirrileva li dawn ix-xhieda ma tressqux jixhdu fil-proceduri odjerni u din hija l-uniku verzjoni accessibbli ghaliha.

Il-Qorti rat ukoll li fir-rapport redatt mill-pulizija gie ndikat ukoll li l-kundizzjonijiet tat-temp kienu tajbin u li t-triq kienet niexfa. Kif jirrizulta in oltre mill-filmati il-hin li sehh l-incident kien madwar is-seba' u nofs ta' filghaxija fid-19 ta' Ottubru allura kien gia dalam izda kien hemm id-dawl tat-triq u tal-istabilimenti tal-madwar. F'dan ir-rapport jigi ndikat ukoll li fuq il-post il-pulizija nnutat dawk li jsejhulhom 'brake marks' twal li kienu jibdew minn qabel tibda is-central strip bi dritt il-hanut 'Sistina' u kienu jwasslu sa fejn waqfet il-vettura kwazi quddiem il-hanut bl-isem 'JUNO'. Test tan-nifs fuq l-intimat irrizulta fin-negattiv b'dan li gie konkluz li ma kienx fis-sakra.

Il-Qorti rat ukoll ir-ritratti mehuda minn PC 1525 Patrick Farrugia fuq il-post tal-incident meta kien ghad hemm il-vettura tal-intimat izda mhux il-vittma. Fuq wara tal-vettura jidhru marki mal-art ta' 'tyres' pjuttost twal li appuntu jibdew minn ftit qabel tibda c-central strip u cioe' l-post fejn sehh l-impatt skont il-filmati li rat din il-Qorti sa taht fejn waqfet il-karozza tal-intimat wara l-impatt. Rat ir-ritratti li juru l-hsara fuq quddiem tal-vettura li jevidenzjaw li mal-impatt il-vittma habtet l-ewwel mal-mudguard mbaghad mal-bonnet u l-'windscreen' li nkiser, possibilment ukoll mas-

saqaf u wara gisimha gie sfortunatament sparat il' fuq u waqa' diversi metri aktar il' quddiem fit-triq. Tant gisem il-vittma tar il-fuq li l-vettura tal-intimat lahqet ghaddiet minn tahtu u l-gisem waqa fuq wara tal-vettura.

Il-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-esperti medici a fol. 123 u 124 tal-process li ghalkemm ma kien hemm l-ebda dubju, jikkonferma li l-vittma mietet 'due to multiple injuries following a motor vehicle accident'.

Rat ix-xiehda tal-espert Mario Buttigieg fejn a fol. 139 tal-process fl-atti kriminali annessi jixhed li l-vettura tal-intimat kienet ghaddejja bil-fuq minn mitt (100 km) kilometru fis-siegha u dan qabel ma kien analizza l-filmati. Huwa jasal ghal din il-konkluzjoni filwaqt li jaghmel referenza ghal awturi fil-kamp kif isegwi:

'Mela, hawn diversi awturi li qeghdin hawn imnizzlin, hawn hekk, fejn ghamlu diversi testijiet fuq diversi karozzi, fejn kollha taw velocita' a presso poco, a simili ta' meta wiehed jolqot, jekk ghandek daqqa, per ezempju, isfel, inti tkun ghaddej, approximate ta' 50 kilometres per hour, jekk inti tolqot il-head, ir-ras, jew tolqot fin-nofs, awtomatikament inti qed issuq approximate, ta' 70, u , jekk tolqot il-parti ta' fuq, il-windscreen imissa mas-saqaf, inti, qed issuq over 100 kilometres per hour. L-impatt, mela l-impatt, fejn anke kien hemm ix-xaghar, kien qieghed fuq il-windscreen jigifieri, il-parti ta' fuq tal-windscreen, kwazi, mas-saqaf. Kien hemm anke hsarat, li qeghdin jidhru anke fir-ritratti, li jien personalment hadt, li, is-saqaf, kellu slieh, x'jigifieri, mela, meta l-karozza laqtet il-pesdestrian, din, bid-daqqa, lwiet, taret fuq il-windscreen, il-parti ta' fuq, regghet taret 'il fuq, kif kienet

ghaddejja l-karozza minn taht, regghet nizlet, ghaddiet bi zbrix, u konsegwentement, spiccat fuq wara l-vettura.'

Dwar dak suespost in kontro-ezami a fol. 496 dan ix-xhud jispjega li din it-teorija tapplika ghall-karozzi ta' ghamla 'saloon' u mhux ghat-trakkijiet ghax dawk ikollhom il-faccata catta. Iktar mal-vittma tkun laqtet il' fuq fil-vettura aktar ifisser li l-velocita' tal-vettura kienet gholja. Jinsisti li sakemm hija karozza u mhux trakk it-teorija tapplika sakemm il-vetturi qed isuqu bl-istess velocita' salv varjazzjonijiet zghar.

Dan l-istess xhud espert jghid li dwar il-marki tat-'tyres' li fuq ir-ritratti, ghal persuni li ma jifhmux f'dan il-kamp, jidhru bhala 'breakmarks'. Izid izda li dawn m'humiex fil-fatt 'breakmarks'. Jixhed kif isegwi:

' . . . peress li din hija karozza specjali, ghax din hija karozza sports car, din mhix karozza normali, il-brejk marks taghha, dawk huma ceramic brakes, jigifieri, iktar u iktar, ma jistghux jindikaw li halliet il-brake marks, tul it-triq. Issa, burnt out marks, huma, meta s-sewwieq, jitfaghha first, jibda jghaqqad it-tyres, u litteralment, johrog sparat ghat-triq, jigifieri, dik li hi bazikament.'

Izid li mal-impatt allura l-vettura kienet qed taccelera u mhux tibrejkja. A fol. 501 jispjega ulterjorment li t-'tyres' tal-karozza jibdew jghaqqdu b'ritmu mghaggel u jhallu sinjali suwed li jissejjhu 'burnout marks'. Bis-sahha li taghmel hekk il-karozza tibda timxi 'il quddiem u tohrog b'certu sahha. Jghid li 'sports cars' jaghmlu dawn il-marki bhal dik li kienet involuta fl-incident. Jispjega wkoll a fol. 508 li anki miz-zrara tat-tarmak tinduna jekk hux 'break marks' jew 'burn-out marks' ghaliex din iz-zrara tkun inqalghet mod u mhux iehor, direzzjoni u mhux ohra u jghid li hu

kkonferma b'ghajnejh fuq il-post li z-zrar kif maqlugha kienet tevidenzja 'burn-out marks' mhux 'break-mark'. Jghid li jikkonferma li t-'tyres' huma tal-vettura nvoluta wkoll mill-wisgha tat-'tyre' u tal-marka li jkunu hallew. Izid li wkoll dawn il-marki kienu zgur tal-vettura involuta ghaliex kienu jaslu ezatt sal-vettura. Jerga' jispjega li din il-vettura kellha l-'Anti Breaking System'jew ABS allura zgur li ma thallix 'break-marks' u bilfors il-marki kienu 'burnt-out marks'.

Il-Qorti rat ir-relazzjoni ta' dan l-istess espert a fol. 142 et seq tal-process. Fir-rapport, wara li l-espert gabar il-verzjoni tax-xhieda okulari u wkoll tal-intimat jasal ghall-konkuzjoni li:

'hareg manifestament car li Anthony Chircop kien qed isuq il-vettura tieghu b'mod perikoluz u negligenti billi fl-opinjoni tal-esponent huwa naqas milli jadopera prudenza ordinarja waqt is-sewqan.'

Dan b'referenza partikolari ghall-ispeed eccessiv li kien qed isuq bih l-intimat. Rat li l-istess relazzjoni regghet giet esebita a fol. 332 et seq tal-process.

L-espert PL Mario Buttigieg xehed ukoll f'dawn il-proceduri a fol. 400 et seq tal-process. Dwar il-vettura nvoluta fl-incident jispjega ulterjorment:

'' . . . is one of the best sports cars u anke it is designed carefully and with a lot of effort. Because of this, it is a very fast, powerful and it has perfect handling despite the lower price. It is faster than many expensive cars. Issa hawnhekk ghamilt ukoll din hija maghrufa bhala il-godzilla. Nissan GTI was designed with nismo and in house raving division. Issa bazikament hija id-disa' l-iktar

karozza fastest li hawn f'din id-dinja u ittella' miz-zero (1) sa sixty (60) f'2.8 seconds.' (fol. 401)

Jikkonferma li ghalkemm huma karozzi intizi ghat-trakka tal-karozzi, l-Awtorita' ttihom 'number plates' biex ikunu jistghu jintuzaw fit-toroq. Fix-xiehda tieghu ssirlu referenza ghal 'warning' li beda jidher fuq id-display tal-karozza wara l-incident u dan kif jidher fir-ritratti annessi mar-rapport MB 21, 22 u 23 u jghid:

'Mela bazikament mela kif spjegajt l-ewwel, mela kull daqqa jew f'habta jew meta jintlaqat pedestrian, mela ghandek il-primary impact u is-secondary impact. Bazikament il-primary impact huwa dak il-bumper, il-windscreen etc. Imbaghad ghandek inti is-secondary impact. Mela il-karozza hija iddisinjata biex once li ghandek, qed tassorbi dik l-energija, id-daqqa ha tibqa', ha tirrifletti fuq partijiet ohra. Issa mad-daqqa stess infethu anke' kif qed jidher fuq ir-ritratti l-airbags. Konsegwentement anke' inhassu is-sensors li jkunu, il-bicca il-kbira ikunu imwahhlin mac-chassis legs jigifieri il-body iccaqlaq naqra wkoll mad-daqqa u b'hekk tibda taghti fault reading imma fault ma kienx hemm.'

Dwar il-valur tal-karozza jghid li tiswa madwar sebghin elf Euro (€70,000) u li l-'parts' konsegwenti ghall-hsara telghu madwar tmint elef Euro (€8,000).

Mistoqsi dwar l-inkarigu kif estiz tieghu wara li l-Qorti tal-Magistrati provdietlu l-filmati (l-istess filmati esebiti fl-atti odjerni) sabiex ikun jista' jikkalkula l-velocita' tal-vettura jixhed kif isegwi:

'Rajt il-filmat fejn tinqabad il-karozza gejja minn fejn id-direzzjoni tal-Manoel Island u dan il-filmat ingabar mill-hanut Juno

Footwear. Issa bazikament il-karozza qed tidher gejja minn, inqabdet gejja minn fejn l'O hea li qieghed fil-kantuniera ta' The Strand sakemm waslet fejn, waslet quddiem il-Juno Footwear fejn hemmhekk hadt id-distanza u bazikament irrizulta, hadt jigifieri id-distance. Uzajt il-formula distance equals velocity times time. Hadt anke' il-hin li kienet ghaddejja din il-vettura u irrizulta li kien ghaddej b'mija u erbghin (140) kilometru fis-siegha.'

Il-Qorti rat li dwar dan l-espert esebixxa t-tieni rapport tieghu a fol. 405 et seq tal-process.

L-istess espert Mario Buttigieg rega' xehed a fol. 488 et seq tal-process quddiem din il-Qorti kif preseduta. Jghid li l-formola li huwa uza biex jikkalkula l-velocita' tal-vettura tal-intimat baqghet l-istess izid izda li llum saret aktar akkurata ghaliex wiehed jista' jikkalkula skont il-'pixels' tal-filmati. Jghid li anki fin-nuqqas ta' filmati hemm metodi kif jista' jasal ghall-velocita li biha kienet ghaddejja l-vettura fosthom is-Searle Equation. Jixhed ukoll li fil-kaz in kwistjoni hu kien fuq il-post madwar tlett kwarti, siegha l-aktar wara li sehh l-incident. Jghid li izda ma qabbilx konkluzjoni wahda mal-ohra. Jikkonferma mill-filmati li ra li l-vittma kienet qed taqsam minn zewg karreggati fi triq fejn hemm Centre Strip. Fil-parti li qasmet hi kien ghadu ser tibda c-Centre Strip allura ma kien hemm xejn mal-art jaqsam karreggjata mill-ohra. Jghid li fejn sehh l-incident ghalkemm hija main road hija wkoll 'built up area'. Jghid li l-incident sehh bejn zewg 'Pelican lights' u li hemm madwar 150 metru l-boghod ghal kull wiehed minn fejn sehh l-incident. B'referenza ghal kemm hi wiesgha t-triq minn fejn qasmet il-vittma jghid li mir-rapport tieghu (fol 358) johrog li hi wiesgha 10.975 metri.

Dwar il-velocita' tal-vettura nvoluta jerga' jikkonferma li biz-zewg teoriji li huwa applika rrizulta li l-vettura kienet  qieghda tinstaq b'aktar minn mitt (100) kilometru fis-siegha.  Jghid li skont it-teorija msemmija aktar il-fuq li tahdem billi wiehed jara fejn jolqot il-vittma mal-vettura jerga jikkonferma li anki skont dik it-teorija zgur kien qed isuq iktar minn mitt (100km) kilmetru fis-siegha ghaliex kien hemm is-sliegh anki fuq is-saqaf tal-vettura.  Il-qorti rat li s-sliegh fuq is-saqaf tal-vettura jidher car fir-ritratt esebit mill-intimat stess Anthony Chircop fix-xiehda tieghu a fol. 520 A et seq tal-process immarkat AC4.

A fol. 320 et seq jixhed Dr. Christopher Scerri in rapprezentanza ta' Transport Malta li ntalab jipprovdi evidenza jekk fejn sehh l-incident setghetx legalment issir il-manuvra ta' U-Turn.  Huwa jikkonferma kif isegwi:

'Kien hemm, mir-records taghna ma jidhirx li s-signage inbidlu u allura awtomatikament nikkonkludu li s-signage kien qieghed hemm u hemm signs ukoll fl-art apparti s-sign imwahhal li ma tistax taghmel u turn.'

Il-Qorti rat li dan is-'sign' jidher fir-ritratt a fol. 322 tal-process.

Rat li dan ix-xhud a fol. 464 tal-process jiprezenta ritratt mill-ajru taz-zona fejn sehh l-incident u fuqu jindika l-'pedestrian crossings' fil-vicinanzi.

A fol. 520 A et seq tal-process xehed l-intimat Anthony Chircop u prezenta wkoll erba' ritratti.  Jixhed li dakinhar kien qed isuq vettura Nissan GTR bin-number plate Skyline u li kien wahdu. Kien id-dlam izda fit-triq kien hemm id-dawl artificjali.  Dwar l-incident jixhed li kien gej:

'Mill-Gzira sejjer lejn Tas-Sliema, lejn Manoel Island. Issa qabel Manoel Island hemm it-traffic lights, ta' quddiemi waqaf quddiem it-traffic lights u jien kont warajh. Kif saq ta' quddiemi jien soqt warajh, ta' quddiemi dahal ma' Café' Jubilee, mal-left. . . . .
Jien bqajt ghaddej, kif wasalt fejn l-O' Hea tan-nuccalijiet kienet hierga karozza. Jien ghaddejt minn warajh u kif qbadt is-sigar, nisma' impact mal-karozza u dak il-hin faqqa l-windscreen u hargu l-airbags.'

Jghid li fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm il-bankina u kien hemm l-imwejjed taht il-bankina, kien hemm ukoll vetturi double parking. Jikkjarifika li wara l-O' Hea kien hemm l-imwejjed, il-hwienet u l-imwejjed u d-double parking. Ghal dawn ir-ragunijiet jinsisti li bilfors kellu jzomm fuq in-naha tal-lemin tieghu tal-karreggjata. Fin-nofs bejn iz-zewg karreggjati jghid li hemm is-sigar. Jinsisti li huwa mas-sigar ezatt hass l-impatt mal-karozza. Jghid li bhala traffiku dan kien miexi normali. Dwar 'traffic lights' jghid li madwar mija u ghoxrin metru qabel fejn sehh l-incident huwa kien fil-fatt telaq minn fuq 'lights'.

Dwar x'gara fil-hin tal-incident jixhed a fol. 523:

'Jien qed insuq u f'daqqa wahda nisma' bum kbir, faqqa l-wind screen u harguli l-airbags tal-karozza. Jien waqaft mill-ewwel ghax fil-karozza kien hemm dahna trab qisu tal-air bags nahseb u kif hrigt mill-karozza insib il-persuna wara l-karozza mal-art.'

Jispecifika li lill-persuna li eventwalment induna li huwa laqat huwa raha l-ewwel darba kif hareg mill-karozza:

‘Qabel ma rajt xejn jien.’  (fol. 523)

Izid li aktar il’ quddiem minn fejn sehh l-incident ukoll kien hemm ‘traffic lights’ ohra madwar mitt metru l-quddiem.

Dwar il-‘burn-out marks’ li jissemmew mill-espert Mario Buttigieg jixhed:

‘Dik il-karozza sa fejn naf jien burn out ma taghmilx ghax hi all wheel drive . . .  il-karozza ddawwar fuq erba’ roti.  Il-karozza ghandha sistema li hija all wheel drive, iddawwar fuq erba’ roti u ma nafx li taghmel acceleration marks, ma nafx, jien ma nifhimx daqshekk imbaghad u break marks ghax hi ghandha sistema ta’ ABS li r-roti ma jillokkjawx meta tibbrejkja wkoll, iduru, jkunu fast imma ma tkaxkarx tyres mal-art.’ (fol. 524)

F’dan l-istadju l-intimat esebixxa erba’ ritratti mmarkati AC 1 sa AV 4 li tlieta  minnhom jidhru mehuda fuq il-post tal-incident dak il-hin u iehor fil-hin tal-gurnata cioe’ x’hin ikun ghadu d-dawl. F’dawn ir-ritratti jidher l-impatt fuq il-vettura fejn ukoll tidher hsara fis-saqaf. Tidher ukoll il-posizzjoni taz-zewg ‘traffic lights’ li dwarhom xehed l-intimat, ftit qabel fejn sehh l-incident u ftit distanza wara.

Mistoqsi in kontro-ezami ghalfejn kien biss fix-xiehda recenti tieghu fil-Qorti tal-Magistrati li ftakar li kienet harget vettura mit-triq fejn hemm il-hanut O’  Hea jghid li huwa dejjem qal mill-bidu. Jghid izda li meta ta l-verzjoni tieghu huwa kien taht xokk kbir. Jispecifika li huwa qalilhom l-ghassa wara li ghamlulu l-‘breathelyser’.

Jghid li minhabba l-imwejjed u d-'double parking' bilfors trid toqghod ghassa int u ssuq. Jichad is-suggeriment li kien qed isuq bil-mija erbghin (140) kilometru. Jghid li ma jafx b'liema speed kien qed isuq izda fi kliemu:

'dak l-ispeed impossibli biex ittellghu hemmhekk'.

Jghid li ghalhekk ma jaqbilx dwar dan mal-konstatazzjonijiet tal-espert izda ma jistax imeri espert.

**<u>Ikkunsidrat ulterjoment fuq il-mertu;</u>**

Illi mill-provi kollha mressqa fl-atti u mill-filmati li rat din il-Qorti, l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-incident in kwistjoni sehh kif isegwi:

1. Dwar l-allegata U-Turn li jissemma li ghamel l-intimat il-Qorti tqis li minn dak li rat hi stess verament l-intimat ftit sekondi qabel sehh l-incident jidher gej mill-karreggjata minn tas-Sliema sejjer lejn Manoel Island. Ftit sekondi wara jidher gej mill-karreggjata opposta u sehh l-incident. Huwa ghalhekk pruvat sal-grad rikjest mil-ligi f'dan il-kamp cioe' dak tal-probabbli li l-verita' hi li l-intimat xi hin wara li jidher ghaddej fil-kamera huwa ddecieda li jaghmel U-Turn b'dana li gie jhares lejn Sliema fil-karreggjata opposta. Il-Qorti izda tqis li dan l-atteggjament, ghalkemm se mai huwa certament bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, ftit li xejn ghamel differenza ghad-dinamika tal-incident odjern. Il-Qorti tghid dan ghaliex anki f'kaz tax-xenarju l-iehor spjegat mill-intimat u cioe' li hu kien waqaf fuq il-'lights' gej min-naha tal-Msida u li qabel l-incident ra karozza diehla u ohra hierga mis-side roads, fi kwalunke kaz il-fatt hu li qabel l-incident l-intimat kien jinsab bil-vettura tieghu gej minn qabel il-hanut O'Hea fil-

karreggjata direzzjoni lejn tas-Sliema. Kieku ma kienx hekk l-incident ma kienx isehh.

2. Mill-filmati din il-Qorti rat lill-vittma timxi mghaggel fuq in-naha l-ohra tat-triq. Malli l-vittma rat li qabzet dik il-parti tat-triq fejn hemm ic-central strip hija waqfet u daret lejn it-triq sabiex taqsam. Il-vittma halliet karozza tal-linja tghaddi u qabdet taqsam l-ewwel karreggjata tigri. Mill-filmati tidher il-vittma tasal sa' nofs it-triq ezatt qabel tibda c-central strip u minghajr ma tieqaf xejn tibqa ghaddejja tigri biex taqsam it-tieni karreggjata li taghti lejn tas-Sliema.

3. Il-Qorti vverifikat mill-provi kollha migbura quddiema u nkluz il-filmati u r-rapport tal-esperti li huwa appuntu fit-tieni karreggjata malli l-vittma baqghet ghaddejja tigri taqsam it-triq li sehh l-incident f'dik il-parti qabel ma tibda' s-central strip u li fiha bosta xhieda jghidu li hemm is-sigar tal-palm.

4. Jirrizulta mill-provi lil din l-Qorti li malli l-vittma baqghet ghaddejja tigri taqsam it-tieni karreggjata giet il-vettura tal-intimat minn naha ta' Manoel Island bi 'speed' kbir u laqtet lill-vittma. Tant il-vettura tal-intimat kienet ghaddejja bi 'speed' qawwi li gara dak li jsegwi:

i) Mill-filmati tidher il-vittma tintlaqat izda mbaghad tant taret minn fuq il-vettura bi 'speed' qawwi li l-vittma ma tidhirx aktar fil-filmat. Dan ifisser li l-vittma taret minn fuq il-vettura b'qawwa kbira;

ii) Mill-hsara fuq il-vettura tal-intimat jirrizulta wkoll li l-vettura kienet ghaddejja bi 'speed' qawwi ghaliex din intlaqtet fil-

mudguard, bonnet, inkiser il-windscreen bl-impatt ta' gisem il-vittma mieghu probabilment rasha u wkoll inbarax is-saqaf.

iii) Malli qabez is-saqaf tal-vettura, bis-sahha kbira li kienet ghaddejja l-vettura tal-intimat, gisem il-vittma gie katapultat il-fuq u l-quddiem bosta metri u waqaf bejn it-tieni u t-tielet palma tas-central strip (ara pjanta tal-Perit Aquilina a fol. 94 u r-ritratt mill-ajru a fol. 464 tal-process). Tant il-gisem tal-vittma ghola mal-impatt li l-vettura tal-intimat li kienet ghaddejja bi 'speed' qawwi lahqet baqghet ghaddejja minn taht il-vittma fl-ajru u x'hin waqfet il-vettura, gisem il-vittma waqa fuq wara tal-vettura b'sahha kbira ghal mal-art.

iv) It-'tyre' marks li thallew mill-vettura tal-intimat bejn il-post fejn sehh l-impatt u fejn waqfet il-vettura jevidenzjaw ukoll is-sahha jew ahjar 'speed' kbir li kien qed isuq bih l-intimat stante li kif ampjament pruvat mill-parir espert ta' Mario Buttigieg dawn il-marki jevidenzjaw li fil-hin tal-impatt l-intimat kien qed jaccelera b'mod qawwi l-velocita' tal-vettura tieghu u kien biss x'hin hass l-impatt li ghafas il-brejkijiet u grazzi ghall-ABS waqaf f'salt b'dana li harget dahna kbira minn taht il-vettura.

Illi minn dak li xehed l-istess intimat jirrizulta li l-intimat fl-ebda hin ma ra lill-vittma qabel sehh l-incident. Lanqas da parti tal-vittma ma jidher li din rat il-vettura tal-intimat gejja altrimenti ma kinitx tibqa' ghaddejja tigri biex taqsam it-tieni karreggjata.

Illi din il-Qorti tqis li l-verita' dwar kif sehh l-incident kif evidenzjata mill-provi fl-atti hi li filwaqt li l-intimat Anthony Chircop kien qed jaccelera l-'ispeed' tal-vettura tieghu qabel wasal fejn il-hanut O'hea, irrilevantement jekk hux ghaliex kien waqaf ghax ghamel U-turn jew ghaliex kien halla vetturi jidhlu u

johorgu, huwa ma kkalkulax li xi hadd seta' jaqsamlu l-karreggjata dak il-hin. L-intimat ma zammx 'proper look-out' tat-triq kollha tant li fl-ebda hin ma ra lill-vittma qed taqsam il-karreggjata opposta qabel ma waslet fil-karreggjata tieghu. Tant l-intimat ma rax il-vittma li nduna li xi haga habtet mal-vettura tieghu mhux ghax raha izda ghaliex hass id-daqqa mal-vettura partikolarment x'hin faqqa' l-'windscreen' quddiemu u kien f'dan il-mument li waqaf. Il-Qorti tifhem ghalfejn l-intimat verament jemmen li l-vittma harget minn bejn is-sigar minn fuq ic-'centre strip' u mhux qabel is-'centre strip' ghaliex hu ma rax il-vittma izda hass l-impatt u l-impatt hu hassu waqt li l-vettura kienet ghadha miexja allura lahaq qabad is-'centre strip'.

Illi in vista ta' dak kollu suespost l-Qorti tqis li l-intimat ghalhekk huwa responsabbli ghall-fatt li kien qed isuq b'mod ghal kollox negligenti u traskurat rizultat ta' 'speed' eccessiv, zgur oltre l-mitt kilometru fis-siegha, wkoll ghaliex naqas milli jzomm 'proper look-out' tat-triq kollha u mhux biss ta' dak li kien qed isehh fl-immedjat ta' quddiemu. Din il-Qorti hjja certa li kieku l-intimat kien qed isuq b'anqas 'speed' u zamm aktar attenzjoni lejn x'kien qed jigri fit-triq kien jinnota lill-vittma gejja taqsam minn fuq il-lemin tieghu u jiehu azzjoni biex jieqaf.

Illi rrizulta izda lil din il-Qorti mill-atti li l-vittma kellha wkoll in-nuqqasijiet taghha fl-incident in kwistjoni. Il-vittma ghazlet li flok taqsam minn fuq 'zebra crossing' aktar il-fuq minn fejn hi stess kienet ghadha gejja, baqghet miexja sakemm rat li qabzet is-'centre strip' u ddecidiet li taqsam minn hemm. Ma hemmx dubju li t-triq fejn sehh l-incident hija wahda traffikuza mmens, b'zewg karreggjati wisghin ferm fejn f'hinijiet minnhom f'dik il-parti jkun hemm zewg vetturi ghaddejjin minn fuq kull lane (b'kollox erba') isuqu b'mod oppost ghal xulxin. Ukoll ezatt wara fejn ghazlet li

taqsam il-vittma hemm 'cross-roads' minn fejn tisporgi triq fejn il-hanut O'hea li minnha johorgu l-vetturi ghal fuq din il-'main-road' fejn sehh l-incident, liema vetturi jistghu imorru f'zewg direzzjonijiet opposti nkluz id-direzzjoni lejn fejn kienet qed taqsam il-karreggjata l-vittma. Apparti minn hekk il-vittma wara li qasmet tigri l-ewwel karreggjata li taghti lejn Manoel Island ghazlet li ma tieqafx u tivverifika sew jekk kienux gejjin karozzi fil-karreggjata opposta qabel ma tkompli taqsam. Anzi jirrizulta lill-Qorti li ghalkemm it-triq hija principlament ghall-vetturi, ghalhekk min jaqsam irid ikun ferm prudenti, il-vittma pruvat taqsam it-triq shiha wiesgha aktar minn ghaxar metri f'girja wahda. Dan l-agir ukoll ikkontribwixxa serjament ghall-incident li sfortunatament wassal ghal mewt ta' Stephanie Rapa.

Il-Qorti ghalhekk in vista ta' dak kollu suespost taqbel ma' dak espost mill-intimati li r-responsabilta' ghall-incident li sehh nhar id-19 ta' Ottubru 2017, fejn sfortunatament mietet bint ir-rikorrenti Stephanie Rapa, tinkombi ugwalment u cioe 50/50 fuq il-vittma stess Stephanie Rapa u l-intimat Anthony Chircop.

**<u>Danni:</u>**

Illi la darba giet deciza r-responsabilita' jmiss li din il-Qorti tgharbel ix-xhieda u l-provi li tressqu dwar id-danni allegatament sofferti sabiex tkun tista' tasal ghal likwidazzjoni tal-istess danni.

Illi dwar danni r-rikorrenti qed jipretendu tlett tipi ta' danni kif isegwi:

(i) Lucrum Cessans u Damnum Emergens emergenti mill-fatt li Stephanie Rapa mietet konsegwenza tal-istess u dan fil-vesti taghhom bhala eredi tal-istess Stephanie Rapa. Il-fatt li r-rikorrenti

huwa l-unici eredi ta' Stephanie Rapa gie pruvat permezz tad-dokumentazzjoni tal-Qorti Civili Gurisdizzjoni Volontarja esebita fl-atti odjerni (fol. 274 u 275 tal-process).

(ii) Danni rizultanti minn allegata debilita' permanenti sofferta miz-zewg rikorrenti konsistenti f'debilita' permanenti rizultat ta' kundizzjoni psikologika tar-rikorrenti konsegwenza tat-telfa mhux mistennija ta' binthom unika fl-eta ta' tletin (30) sena;

(ii) Danni morali fit-termini tal-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**(i) (a) Damnum Emergees:**

Illi ghal dak li jirrigwarda Damnum Emergens, bhala provi fl-atti, a fol. 9 et seq gew esebiti l-ircevuti tal-funeral u spejjez ohra relatati mal-eredita'. Dawn jammontaw ghas-somma ta' €4415.51. Ir-rikorrenti esebew ukoll diversi rcevuti ndikati bhala 'legal services' mahruga mill-Avukat Joseph Giglio li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' €4340.

Fis-sottomissjonijiet taghhom l-intimati ma jikkontestawx is-somma ta' €4415.51 izda jikkontestaw is-somma ta' €4340 rapprezentanti l-ispejjez tal-Avukat Giglio. L-argument tal-intimati hu li l-ispejjez legali tal-kawza odjerna jigu ntaxxati u jithallsu ghalhekk dawn l-ispejjez ma jirriflettux l-ispejjez tal-kawza odjerna. Il-Qorti fil-fatt tinnota li ghalkemm gew esebiti l-ircevuti, fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar x'jirraprezentaw dawn l-ispejjez u jekk dawn imorrux oltre l-kaz odjern. Ghalkemm din il-Qorti tista' forsi tissupponi li dawn l-ircevuti tal-ispejjez legali jirreferu wkoll ghar-rapprezentanza legali tar-rikorrenti fil-proceduri kriminali kontra l-intimat, din il-Qorti ma

tistax timxi fuq is-supposizzjonijiet izda fuq il-provi. Fi kwalunkwe kaz lanqas biss saret distinzjoni mir-rikorrenti bejn l-ispejjez mahruga ghall-kaz odjern li jkunu koperti bit-taxxa u dak kriminali.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, il-Qorti tqis li l-ammont ta' Damnum Emergens pruvat huwa fis-somma ta' €4415.51. Stante li l-Qorti tqis li l-intimat huwa responsabbli ghan-nofs, dak dovut lir-rikorrenti bhala Damnum Emergens jammonta ghas-somma ta' €2207.50.

**(i) (b) Lucrum Cessans:**

Dwar id-danni sofferti r-rikorrenti ressqu diversi provi kemm dokumentarji kif ukoll fil-forma ta' affidavits.

Illi ghal dak li hu kalkolu tal-Lucrum Cessans ir-rikorrenti esebew fl-atti a fol. 19 sa fol. 20 l-FS 3 tal-vittma ghas-sena 2016 fis-somma gross ta' €22,299, ghas-sena 2015 fis-somma gross ta' €24,577 u ghas-sena 2014 fis-somma gross ta' €25,978.

A fol. 31 gie esebit l-affidavit ta' Mary Cachia. Din ix-xhud tghid li hija tigi oht ir-rikorrenti u z-zija tal-mejta Stephanie Rapa. Tghid li kienet tahdem ta' Psychiatric Social Worker u fl-ahhar sentejn Assistant Director Finance and Administration St. Lukes. Tghid li l-mejta kienet giet addottata zghira mill-Peru u rat lir-rikorrenti jrabbuha b'ghozza u jtuha l-aqwa trobbija possibli. Dahlet l-universita' u hadmet bhala farmacista ghall-sitt snin shah. F'Ottubru 2017 dahlet ghall-kors tal-medicina. Mill-incident tad-19 ta' Ottubru, 2017 ohtha u r-ragel taghha rikorrenti tilfu l-iskop tal-hajja fejn qabel ohtha kienet tferrah post. Izzid li r-rikorrenti

kellhom jiehdu ghajnuna psikologika minghand il-councellor Fr. Alfred Micallef.

Il-Qorti rat li a fol. 263 et seq tal-process gew esebiti hames affidavits ta' professjonisti izda wkoll konoxxenti tar-rikorrenti li xehedu dwar l-ghajnuna personali u professjonali li taw u kien ghadhom jaghtu lir-rikorrenti genituri tal-vittma ghal dak li hu l-impatt morali u psikologiku li l-incident halla fuqhom.

Dr. Benna Chase, psikologu a fol. 264 tixhed li hija kienet tahdem fl-istess sptar ma' omm il-vittma u cioe' r-rikorrenti Giacinta Rapa. Tixhed li hi qatt ma ltaqghet ma' Stephanie imma kienet tara minn ghajnejn l-omm li l-addozzjoni ta' Stephanie kienet wahda li rnexxiet u kemm ir-rikorrenti kienu kburin b'binthom li kienet lahqet spizjara u kienet ukoll qed tistudja ghal tabiba. Tghid illi wara l-incident mill-20 ta' Settembru, 2018 bdiet tara lir-rikorrenti fl-irwol taghha ta' psikologu sabiex tghinhom fit-telfa taghhom. Hija tghid li t-telfa ta' wild wara li tkun investejt fih ghal tletin sena shah hija wahda devastanti. Tixhed:

'In the developmental life cycle, generativity in old age is seen as an important factor in bringing closure to life (Erikson et al. 1986). By being successful individuals, and parents in their own right, adult children bring validation to their elderly parents' lives and give them the assurance that the self will continue after they are gone (Goodman et al., 1991). Cynthia and Tony have been robbed of this opportunity of generativity in their old age, and have to now make sense of a life that is devoid of the meaning that they have injected into it for most of their adult lives. In their daughter they saw their life time investment materialize and project into a future world – a world where they would not physicially exist but

in which their hard work and values would live on through their daughter. Now they have lost it all. They are devastated.'

Fl-affidavit ta' Dr Donika Metaraku a fol. 266 jinghad li hija kienet ukoll tahdem mar-rikorrenti Cynthia (Giacinta) omm il-vittma. Dwar it-telfa ta' bint ir-rikorrenti hija tixhed kif isegwi:

'The tragic loss of their only daughter was devastating for both of them. Cynthia still cries when we meet, initially refuse to eat and lost a considerable amount of weight. She was avoiding meeting friends initially and we all got concerned about her mental and physical health.'

Dr Nadia Cilia a fol. 267 tal-process tixhed li hi wkoll kienet tahdem mar-rikorrenti. Tispjega li kienet ir-rikorrenti li cemplitilha u qaltilha li dik involuta fl-incident kienet bintha. Tixhed li ghajnejn Cynthia waqt it-trobbija ta' bintha kienu jixeghlu meta titkellem fuqha. Tixhed li kienet qaltilha li ghalkemm kienet spizjara mahbuba bintha kienet iddeciediet li tidhol ghall-kors tal-medicina. Tikkonkludi kif isegwi:

'Kultant ghadni nitlaqa ma Cynthia ghall-ikla f'nofs in-nhar. Pero Cynthia ma ghadix tiekol. Cynthia ma ghadix tidhaq. Cynthia ma ghadix taghtina pariri fuq il-hajja. M'ghadix Cynthia. Nipprova naljenaha billi nkellimha fuq affarijiet ohra, pero idur fejn idur id-diskors jew il-hsieb jaqa fuq Stephanie. Kienet id-dinja taghha, issa d-dinja spiccat.'

Rat li Dr. Rachel Micallef a fol. 268 tal-process tixhed li hija kien ilha taf lir-rikorrenti bhala kollegi fuq il-post tax-xoghol ghal madwar ghoxrin sena. Tikkonferma li bint ir-rikorrenti Stephanie fis-sena 2018 bdiet il-kors tal-medicina ghalkemm kienet lahqet

spizjara u wkoll kienet bdiet il-masters. Hija tghid li r-rikorrenti qatt ma huma ser jkunu l-istess. Stephanie kienet l-unika tifla taghom, il-mimmi t'ghajnejhom.

Rat ukoll l-affidavit ta' Dr. Doreen Pace a fol. 270 tal-process. Tghid li hija wkoll kienet kollega tar-rikorrenti ghal iktar minn ghoxrin sena. Tikkonferma li Stephanie kienet tifla bil-ghaqal, tistudja u tghin fix-xoghol tad-dar. Tikkonferma li kienet spizjara. Stephanie kienet infurmat lilha li ser tibda l-kors tal-medicina. Wara l-incident:

'Lil Cynthia rajtha qishom ghaddew xi ghaxar snin minn fuqha. Tilfet il-piz. Ma tiekolx. Ghalkemm esternament taghmel l-isforz biex tkompli bil-hajja, mohhha ma jieqafx jahseb fuq bintha. Ninkwieta ghal sahhitha.'

Rat li mix-xiehda ta' Veronica Grech a fol. 279 tal-process gie konfermat li l-vittma gradwat mill-Universita' ta' Malta fis-sena 2011 fil-Bacellerat tal-Farmacija. L-istess xhud ikkonfermat li l-vittma kienet giet accettata fil-kors tal-medicina li jwassal ghall-grad ta' Doctor of Medicinie and Surgery f'Ottubru 2017. Dan ifisser li l-vittma kienet ghadha kif bdiet il-kors tal-medicina sabiex tilhaq tabib fix-xahar stess li mietet. Il-Qorti rat id-dokumentazzjoni u xhieda prodotti in relazzjoni mal-professjoni u l-istudji tal-vittma.

A fol. 296 et seq xehdet ir-rikorrenti Giacinta sive Cynthia Rapa. Hija tixhed dwar il-procedura tal-addozzjoni tal-vittma bintha Stephanie Rapa. Tghid kemm bintha kienet tifla ezemplari u qalbha tajba. Wara li lahqet spizjara u anki kienet 'managing pharmacist' iddecidiet li tmur tahdem Mater Dei bl-ghan li jkollha aktar hin u tkun tista' tapplika ghall-kors l-Universita' biex tilhaq

tabiba u bdiet il-kors ta' tabiba f'Ottubru 2017. Tikkonferma li bintha kellha l-eta' ta' tletin (30) sena.

Dwar dakinhar tal-incident tixhed li bintha wara li marret l-Univerista' marret xoghol tas-Sliema. Cemplitilha x'hin harget mix-xoghol u qaltilha li spiccaw ftit tard u li x'hin tkun fejn il-karozza terga' ccemplilha. Baqghet ma cemplitx u x'hin ix-xhud baqghet iccemplilha fuq il-mobile irrispondiha tabib minn Mater Dei u qalilha biex imorru l-Isptar. Hemmhekk saret taf li mietet. Kien difficli biex jghidulhom ghaliex it-tobba kienu jafu lill-vittma wkoll. Dwar kif affetwathom il-mewt ta' binthom tixhed:

'Il-weggha li hadna bit-telf ta' bintna baghtitna mitt sena lura, kemm lili u kemm lilu. Hajtu spiccat. Narah mhasseb, imdejjaq, xi kultant ghajneh homor, immur nikkunslah u nispiccaw nikbu t-tnejn flimkien. Kienet il-fulcrum Stephanie, il-fulcrum ta' hajjitna. Hi kienet kollox. Hi kienet l-iskop, mietet hi u mietna ahna.'

Tghid li wara l-incident rcevew ghajnuna minghand ohtha li tahdem fil-psikologija, minghand Father Micallef li huwa 'family counselor u advisor' u minghand il-'principal psychologist' fl-Isptar Boffa. Tghid ukol li ghandha grupp ta' konsulenti u tobba hbieb li jghinuhom biex jghixu hajjithom mill-ahjar li jistghu.

Il-Qorti rat li fuq l-istess linja jixhed ir-rikorrent Anthony Rapa a fol. 303 et seq tal-process.

Dwar l-istat mentali tar-rikorrenti din il-Qorti diversament preseduta ordnat li jsir rapport mill-espert nominat Dr. Joseph Cassar. Dan l-espert, dwar il-kundizzjoni tar-rikorrenti jikkonkludi kif isegwi:

'Fil-prezent, is-sinjuri Rapa ibatu t-tnejn minn kundizzjoni ta' *Persistent Depressive Disorder (Dysthymia) with melancholic features* f'livelli differenti. . . .

Ghalkemm hadd mis-sinjuri Rapa ma ghadda minn esperjenza ta' trawma huma stess fizikament pero' xorta jibqa' l-fatt li t-tnejn batew minn trawma ta' binthom kif imsemmi. Skond l-emendi dwar danni civili tal-2010 (pagna 27-28) huma jaqaw fil-kategorija ta' nevrozi trawmatika hekk kif definita.

'**Nevrozi trawmatika** (sindromi ta' tensjoni post-trawmatika, nevrozi minn qtajja)

*Dawn jigru wara sintomi mentali kagunati permezz ta' grajja f'daqqa, mhux mistennija u brutali ta' fatt trawmatiku li ma jkunx jista' jlahhaq mieghu l-individwu.*

*Il-fatt ta' tensjoni ghandu jkun qawwi u/jew fit-tul.*

*Il-grajja suppost tkun miftkra tajjeb.*

*Il-grupp ta' sintomi jinkludi ansjeta' ta' fobija, komportament li jevita n-nies, dizordni ossessiva u oattiva u bidla fil-personalita. Anki jekk ikkurati kmieni, il-kaz ma jistax tigi stmat qabel sentejn jew cirka wara l-fatt'*

L-espert jikkonkludi li r-rikorrenti Giacinta Rapa ghandha disturb ta' 10 % skont l-iskeda indikata fir-rapport filwaqt li Anthony Rapa ghandu disturb ta' 8% skont l-istess skeda. Irrakomanda wkoll li ghaz-zmien li gej ghandhom jibqghu f'kuntatt regolari ma' psikologu. (ara fol 421 u 422)

Rat ix-xiehda in eskussjoni tal-espert mediku psikjatriku a fol. 428 et seq tal-process. In eskussjoni jikkonferma li sabiex il-kundizzjoni taghhom tigu kunsidrata tali din trid tohrog fi zmien sentejn mill-grajja. Jghid ukoll la darba tohrog tista' tibqa permanenti. Jghid li l-persentagg li ndika hu fir-rikorrenti huwa 'disabilita' permanenti'. Jikkonferma wkoll li hafna mid-disturbi mentali jigu djanjostikati mal-ewwel laqgha. Jispjega li l-ezami u l-konkluzjonijiet li jintlahqu jkunu rizultat tal-esperjenza u ghalhekk hija suggettiva. Jispjega li lir-rikorrent tah persentagg ta' dizabilita' anqas ghaliex il-kundizzjoni tar-rikorrenti hija aghar minn tar-rikorrent. Mistoqsi dwar id-differenza bejn 'bereavement' u d-disordni li huwa identifika fir-rikorrenti jghid li 'bereavement' normalment mhijiex permanenti u ddum ftit gimghat filwaqt li l-cut off ghad-disorder hija ta' madwar xahrejn u jekk iddum aktar tkun aktar serja. Dan in relazzjoni ta' sintomi u mhux it-telfa u dwejjaq.

L-espert jixhed ukoll in relazzjoni ghal manwal li huwa jsemmi fir-rapport tieghu msejjah 'Diagnostic Statistical Manual' u jsostni li dan m'ghandux jigi nterpretrat daqs li kieku huwa ligi. Jispjega li dan jaghti gwida u ghandu jittiehed bhala manwal kliniku. Jikkonferma li meta huwa nvista lir-rikorrenti ma kienx ghaddha l-perjodu shih ta' sentejn. Mistoqsi jekk mat-trapass taz-zmien is-sintomi tal-kundizzjoni jistghux itaffu jixhed li jistghu itaffu jew le. Jiddependi minn hafna affarijiet fosthom il-karattru tal-individwu u wkoll mic-cirkustanzi. Fil-kuntest tal-kaz odjern l-espert ifakkar li ghar-rikorrenti l-vittma kienet 'a very special person' ghaliex adottawha:

' . . . tifla illi there was already a psychological process to bring her forth jigifieri in itself it is already a traumatic experience to go through. Loosing that, jigifieri dak il-kuntest huwa diga differenti

mill-kuntest normali jigifieri diga ixxiftjajna jigifieri ma nistax nghidlek iva jew le u lanqas nista' ntik probabilita' ghax inkun qed nigdeb.'

Jghid li l-kundizzjoni tar-rikorrenti taqa' fil-kategorija 'mild'. Jiddistingwi bejn 'hopelessness' li tista' twassal ghal suwicidju u 'helplessness' li tfisser meta ma tarax futur jew soluzzjoni. Fil-kaz odjern ma dahalx fil-'hopelessness' ghaliex ma kienux suwicidali.

Jispjega wkoll li nevrosi traumatica hija PTSD – Post Traumatic Stress Disorder li izda mhix allacjata ma' fobia kif mistoqsi. Jikkonferma li r-rikorrenti ma jbatu minn ebda tip ta fobia. Mistoqsi jekk il-persentagg jistax itaffi biz-zmien jghid li ma tistax tghid ghaliex huwa suggettiv hafna u jiddependi wkoll fuq il-karattru tal-persuna.

Rat il-kopja tal-estratt tad-'Diagnostic and Statistical Manual of Mental Disorders' esebit a fol. 442 et seq tal-process u li ghalih saret referenza aktar il-fuq.

**<u>Bazi legali ghal-Lucrum Cessans:</u>**

Illi mill-lat ta' gurisprudenza, hu ormai pacifiku li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **Michael Butler vs Peter Christopher Heard**[1] li tat origini ghas-sistema tal-'multiplier' ghadhom applikabbli sal-lum il-gurnata. Pero' l-principji enuncjati lura fis-sena 1967 gew tul is-snin aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti.

Fil-kawza **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**[2] inghad kif isegwi:

---

[1] Appell Civili 22 ta' Dicembru 1967.
[2] Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.

*'ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu.'*

Ghalhekk din is-sistema, ghalkemm mhux neccessarjament infallibli dejjem serviet bhala linja ta' gwida ghall-Qrati taghna, fl-assenza ta' soluzzjonijiet ohra anki ghaliex hu ghaqli li tinzamm uniformita' fis-sentenzi. Madanakollu l-Qrati taghna jikkustodixxu b'rigorozita' l-jedd li japplikaw gudizzju iktar ampju u wiesa' diskrezzjonali sabiex jigi zgurat il-gustizzja kemm mad-danneggjat kif ukoll ma' min jitqies responsabbli ghall-hsara u dan huwa permess anki mill-kliem uzat fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ghalhekk li l-Qrati Maltin irritenew f'diversi sentenzi li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti fil-kawza Butler vs Heard. Fil-kawza fl-ismijiet **Savona vs. Asphar**[3] gie ritenut li l-Qrati ghandhom juzaw:

*'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi'*

filwaqt li fil-kawza **Emnuel Mizzi vs. Carmel Attard** inghad illi:

*'ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut'*

u li

*'dejjem għandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilta'.* [4]

[3] Appell Civili 23 ta' Gunju 1952.
[4] 13 ta' Mejju 2003.

In oltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta għal ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.[5]

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet kellhom l-opportunita' li jiflu sew. Kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

*'A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the `contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.'*[6]

Oltre dan, jirrizulta li s-sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qed ixaqilbu lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkustanzi. Wiehed minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin dan ma kienx jaqbez l-ghoxrin (20) sena. Evidentement izda f'hafna mill-kazijiet fejn id-danneggjat ikun ta'

[5] Francis Sultana vs John Micallef et noe, Appell Civili 20 ta' Lulju 1994.

[6] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122.

eta' zghira dan il-kalkolu ma kienx qed ihalli rizultat gjust u dan ghaliex il-Qorti fit-termini tal-istess Artikolu 1045 ghandha tfittex qabel kollox li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel id-dannu subit. Ghalhekk illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ghandu jkun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[7]

Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet id-dannu u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.[8]

In oltre fl-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti, l-istess Qorti ghandha thares lejn l-hekk imsejjha *chances and changes of life*:

*'In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja.'*[9]

Fil-principju izda:

*"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn".*[10]

Illi bil-ghan illi d-danneggjat ikun verament u realment

---

[7] Mary Bugeja nomine et vs George Agius noe, -Appell 26 ta' Lulju 1991, Vincent Axisa vs Alfred Fenech et, Prim'Awla 16 ta' April 1991.
[8] Salvatore Mifsud vs. Carlo Camilleri, Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.
[9] Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace, Qorti tal-Appell 5 ta' Marzu 1986.
[10] Borg pro et noe vs Muscat, Prim'Awla, 9 ta' Jannar 1973.

ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kuncett ta' *pain and suffering*, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bugeja vs George Agius**[11] inghad illi:

*'Il-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali taghhom.'*

Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabbilta':

*'Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.*

Fuq l-istess linja fil-kawza **Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine**[12] inghad illi:

*'Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel. Huwa ngust li f'dawn il- kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ngust ta' haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u nduzzjoni.'*

Illi ghalhekk jidher car li abbazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni

[11] Appell 26 ta' Lulju 1991.

[12] 11 ta' Lulju 1989.

tad-danni hija fl-attitudini wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu u fil-fatt jezistu għas-soluzzjoni tal-istess, dawn izda ma ghandhomx jitqiesu bhala assoluti u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx għall-kumpens reali u adegwat.

Illi dwar it-tnaqqis minhabba *lump sum payment* fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**[13] gie deciz hekk:

*'Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-lump sum payment il-Qorti... jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data'.*

Il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004 iddikjarat illi:

*'Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv'*

Fil-kawza **Joseph Agius v All Services Ltd**[14]:

*'f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (lump sum payment) lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-*

---

[13] Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1995.
[14] Prim Awla, 2 ta' Gunju 2005.

*prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza.'*

Illi f'dan il-kaz partikolari l-vittma mietet konsegwenza tal-incident u allura huma l-genituri rikorrenti fil-vesti ta' eredi tieghu li qed jintavolaw il-kawza u ghalhekk japplikaw ukoll il-principji stabiliti dwar il-grad ta' dipendenza tar-rikorrenti:

*'Ghall-finijiet tal-principju tad-dependency hemm differenza fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja, li minnu din tkun qieghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja li qieghda tghix fi hdanha u li fin-normalita' tal-hajja l-probabbilita' tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghal rasha.*

*L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb maghruf taghhom 'The Quantum of Damages' (vide Chap. ntitolat "Claims for Death of Adult Child") jghidu:*

*"Each case of course must depend on its particular facts but there's one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is the possibility, or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller."*
*L-awtur Ingliz John Munkman – Damages for Personal Injuries and Death (7th. Ed.) Pag. 141 jghid:*

*"… the court must take into account the possibility that the son or daughter will marry, and that the assistance provided will vanish or at least be reduced."*
*L-istess awtur jghid illi l-prattika fl-Ingilterra wara 1982 meta gie*

*emenda il-Fatal Accidents Act hija illi "on the death of an unmarried son or daughter under 18 after 1982, the parents are entitled to a fixed sum for bereavment."*

*L-Ewwel Qorti wkoll naqset milli tikkonsidra dak li huwa maghruf bhala the degree of dependency. Il-Qrati taghna dejjem ikkonsidraw il-fatt illi l-mewt ta' missier ta' familja li jhalli warajh armla u tfal, li jistghu jkunu ukoll minuri, hi haga, waqt li l-mewt ta' tfajla ta' sbatax-il sena hi haga ohra. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-atturi stess ma avvanzaw l-ebda prova specifika dwar danni li huma sofrew bhala konsegwenza tal-mewt ta' Carmen Turner. Infatti lanqas ma gabu xi talba dwar "damnum emergens'. Kif gia` ntqal il-probabilita` hija li Carmen Turner kienet tizzewweg u b'hekk tinqata' ghal finijiet ta' successjoni min-naha taghha.*

*Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi dejjem accettaw il-principju illi f'kaz ta' mewt ta' guvni jew xebba u partikolarment meta fil-mument tad-dizgrazzja l-atturi ma kienux jiddependu minn binhom ghandu jkun hemm tnaqqis sostanzjali meta jigu kkalkolati d-danni (kif fil-fatt ghamel il-Perit Legali). Dan it-tnaqqis, ghalkemm ma hemmx regoli fissi jew kriterji assoluti jigi generalment ikkalkolat fl-ammont ta' bejn 66% u 50% - vide Meli vs Cachia (Dec. 21/11/1994 – PA AJM) (Borg vs Psaila dec. 3/10/1994) (Mary Bugeja vs George Agius Dec. 26/7/1991) (Bartolo vs Attard PA 28/3/1983) (Caruana vs John Busuttil et (JF) PA 1/3/1985) (Agius vs Debattista PA 6/11/1995).*

*L-istess jista' jinghad ghal dak li jirrigwarda il-konsum personali. L-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra dan l-aspett reali tal-hajja bhal li kieku Carmen Turner tul hajjitha ma kienet sejra tonfoq xejn. Ir-realta` tal-hajja hija li wiehed jonfoq il-maggjor parti tad-dhul tieghu, partikolarment meta dan id-dhul ikun wiehed baxx, kif filfatt kien id-dhul tal-vittma li dak iz-zmien kienet tahdem bil-paga minima. Huwa fatt maghruf ukoll illi l-guvintur tallum ifaddlu ftit li xejn mill-paga taghhom u li jibdew ifaddlu meta jaslu biex jizzewgu. Ghalhekk il-probabilita` hija li Carmen Turner ma kienet tfaddal xejn mill-paga taghha. Id-decizjonijiet tal-Qrati taghna dejjem ikkonsidraw dan l-aspett*

*u dejjem naqsu persentagg ta' bejn 25% - 33% ghall-konsum personali tad-decujus. Ta' min johrog id-distinzjoni bejn il-mewt (li hi ekwiparata ghal dizabilita` totali) u d-dizabilita` ta' 100% (bhala p.e. minn jigi ridott ghall-hajja f'wheelchair b'telf assolut talfakolta` mentali). Dak li jmut ma jikkonsma xejn izjed, izda din jibqa' totalment inkapacitat irid xorta jibqa' jigi sostnut u jrid ikollu min idur bih. Dak huwa kaz, mela fejn id-dizabilita` l-istess ta' 100% ma twassalx ghall-istess sitwazzjoni meta jigu valutati d-danni. Fil-ligi, ilkwantifikazzjoni tad-danni ma ghandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid thares lejn dak li jitlef minn jigi 'l quddiem u javvanza pretenzjoni. Il-ligi taghna ma tpoggix prezz fuq id-decujus u tara min sejjer jikkonkorri ghal dak il-quantum. Il-konkorrenza li jsir ghandha bazi; dik li … jersaq 'il quddiem irid jipprova x'tilef minhabba l-event dannuz.'*[15]

Il-Qorti rat li l-pretensjoni tar-rikorrenti odjerni fir-rigward tal-lucrum cessans tinqasam principalment fit-tnejn. Fl-ewwel lok jipretendu likwidazzjoni ta' danni konsegwenza tal-mewt ta' binthom li kellha tletin (30) sena mal-mewt u li kienet lahqet u tahdem bhala spizjara izda wkoll kienet qed tistudja sabiex tilhaq tabiba. Fil-fatt irrizulta li kienet ghadha kif bdiet il-kors tal-medicina dak ix-xahar stess li mietet. Isostnu li din il-Qorti ghandha tiehu kont tal-fatt li l-paga fl-FS 3 ta' binthom kienet naqset ghaliex konsegwenza tad-decizjoni li tidhol ghall-kors tal-medicina hija kienet hadet decizjoni li tmur tahdem Mater Dei flok tibqa spizjara fil-privat sabiex ikollha akar hin ghall-istudju.

Dwar din il-pretensjoni l-intimati jsostnu li ma kien hemm l-ebda garanzija li l-vittma kien ser jirnexxielha tiggradwa mill-kors tal-medicina u tilhaq tabiba. Izidu wkoll li fuq kollox tul is-snin ta' studju effettivament hija kien ser ikollha paga anqas minn kemm

---

[15] Anthony Turner et. vs. Agius Francis et., Appell Civili Superjuri, 120/1994/1, 28/11/2003.

kienet taqla qabel. Jissottomettu wkoll li in vista tal-gurisprudenza kwotata fin-nota taghhom din il-Qorti ma ghandhiex tiehu kont ta' dak l-ammont fil-paga li jithallas bhala paga u bolla ghaliex kieku l-vittma baqghet hajja dawn il-fondi ma kienux ser ikunu accessibbli ghaliha. Isostnu wkoll abbazi ta' gurisprudenza li din il-Qorti ghandha tiehu multiplier ta' 27% sabiex taghmel il-kalkoli taghha.

Illi ghal dak li huwa ntrojtu tal-vittma din il-Qorti tqis li jkun ekwu u gust in vista tal-incertezza dwar jekk il-vittma kinitx jew le ser tilhaq tabiba u l-fatt li kienet ghazlet li tahdem b'anqas paga sakemm tlesti l-kors tal-medicina, li bhala bazi tiehu l-FS 3 li turi l-ghola paga ghaliex dik tirrifletti l-veru potenzjal tal-vittma li kienet gia mlahhqa bhala spizjara u cioe' dik tas-sena 2014 li tevidenzja paga gross ta' €25,978. Ghal dak li hu *multiplier* in vista li l-vittma kienet dahlet ghall-kors tal-medicina u li dan idum itul tul ta' snin tqis li multiplier ta' 30%, sabiex b'hekk jigu eskluzi hames snin mis-snin lavorattivi jekk wiehed jikkalkula mill-eta ta' 30 sena sa 65 sena, huwa wiehed ekwu u gust. Ghal dak li hu l-argument dwar il-hlas ta' taxxa u bolla jew le, din il-Qorti ma tistax teskludi li r-rikorrenti ma jintalbux jhallsu xi taxxa fuq l-ammont likwidat favur taghhom ghalhekk ser taghmel il-kalkoli taghha fuq il-paga 'gross'. In vista tat-tnaqqis ta' hames snin mill-'multiplier' il-Qorti tqis li ghandu jigi meqjus ukoll li t-tnaqqis ghall-konsum u 'chances and changes of life' huwa nkluz fit-tnaqqis ta' dan il-'multiplier'.

Illi mill-atti ghalkemm irrizulta li l-vittma kienet ghadha tghix mal-genituri taghha, minn imkien ma jirrizulta li b'xi mod ir-rikorrenti kienu jiddependu fuq l-introjtu ta' binthom ghall-ghixien taghhom. Lanqas fix-xiehda taghhom ma ghamlu accenn ghal dan. Lanqas irrizulta li b'xi mod binthom kienet thallas xi flus

ghall-ghixien ta' kuljum taghhom. Ukoll din il-Qorti ma tistax teskludi l-probabilita' li wara t-trapass ta' numru ta' snin il-vittma ma kienitx ser tibqa tghix mal-genituri tieghu (in vista li kienet gia ghalqet l-eta' ta' tletin sena) u tmur tghix ghal rasha u ghalhekk fi kwalunkwe kaz huma ma kienu ser jusufruixxu xejn mill-paga taghha kemm jekk tahdem bhala spizjara jew ta' tabiba.

Il-Qorti tfakkar li dan mhux kaz li r-rikorrenti jitpoggew kemm jista' jkun fil-posizzjoni li kienu qabel giet nieqsa l-vittma ghaliex sfortunatament dan qatt ma jista' jsir irrilevanti kemm jinghataw flus ir-rikorrenti. Ghall-ugiegh taghhom tar-rikorrenti wara l-mewt ta' binthom Stpehanie Rapa l-ebda somma ta' flus ma tista' taghmel tajjeb. Il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tqis li wkoll ikun ekwu li ghandha titnaqqas 50% tas-somma stante li r-rikorrenti ma rrizultax li kienu dipendenti fuq l-introjtu tal-vittma.

Stabilit is-suespost il-Qorti qed tillikwida l-kumpens dovut lill-rikorrenti fil-kwalita taghhom ta' eredi tal-vittma ghad-dannu soffert kif isegwi:

**€25,978 x 100 x 30 % - (50% responsabilita' kontributorja) – (50% dependency) = €194,835 .**

Il-Qorti rat li l-kawza odjerna nfethet f'Settembru tas-sena 2018 u qed tigi deciza f'Gunju tas-sena 2022. Tenut kont ukoll tal-problemi li gabet maghha l-pandemija l-Qorti tqis li ghandu jitnaqqas persentagg ta' 18% bhala 'lump sum payment' fis-somma ta' €35,070.30. Ghalhekk it-total dovut lill-eredi huwa fis-somma ta' **€159,764.70.**

Fit-tieni lok il-Qorti rat izda li r-rikorrenti qed jipretendu li hija

tilliwkwida wkoll bhala Lucrum Cessans l-allegata debilita permanenti sofferta minnhom konsegwenza tal-incident li kellha binthom. Fil-fatt gie certifikat mill-espert psikajtriku Dr. Joseph Cassar li r-rikorrenti konsegwenza tal-incident it-tnejn isofru mill-kundizzjoni Post Traumatic Stress Disorder, ir-rikorrent fil-persentagg ta' 8 % u r-rikorrenti fil-persentaggi ta' 10%.

Illi dwar il-pretensjoni suesposta l-intimati jissottomettu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li r-rikorrenti ntavolaw il-kawza odjerna unikament fil-kwalita taghhom ta' eredi tal-vittma Stephanie Rapa u mhux ukoll f'isimhom personali. Isostnu ghalhekk li bhala eredi jistghu biss jitolbu danni allegatament kawzati lil Stephanie Rapa u mhux danni sofferti minnhom stess. L-intimati jeccepixxu ghalhekk li kwalunkwe evidenza tal-impatt psikologiku fuq l-eredi tal-mejta huwa irrelevnanti ghall-iskop ta' danni li jistghu jigu likwidati minn din il-Qorti. Il-Qorti ghalhekk giet mitlub tiskarta l-provi dwar dawn l-allegati danni u fir-rigward tal-ispejjez tal-perit mediku psikjatriku nkarigat sabiex jirrelata tordna li dawn ikunu a karigu tar-rikorrenti.

Illi l-Qorti rat li fl-okkju tar-rikors guramentat kif intavolat mir-rikorrenti huma jindikaw lilhom infushom bhala 'Anthony Rapa; Giacinta Rapa; Fil-kwalita' taghhom bhala eredi ta' Stephanie Rapa'. L-uzu tal-(;) forsi seta' jaghti wiehed x'jifhem, f'interpretazzjoni mgebbda, li r-rikorrenti kienu qed jipprezentaw il-kawza wkoll f'isimhom proprio ghalkemm dan il-kliem ma tnizzilx. Pero' l-kliem uzat li jsegwi l-okkju u cioe:

'Rikors guramentat ta' Anthony Rapa (ID: 40948 (G)) u Giacinta Rapa (ID: 310049 (M) fil-kwalita' taghhom bhala eredi ta' Stephanie Rapa (ID: 544887 (M))'

ma jhalli l-ebda dubju li l-kawza giet intavolata unikament mir-rikorrenti fil-kwalita' taghhom ta' eredi ta' Stephanie Rapa u mhux ukoll f'isimhom proprio. Il-Qorti rat ukoll li l-ittra ufficcjali notifikata lil Anthony Chricop datata 27 ta' Gunju, 2018 kienet tindika li din qed tintbaghat f'isem ir-rikorrenti fil-kwalita taghhom ta' eredi ta' Stephanie Rapa u mhux f'isimhom proprio.

Illi din il-Qorti rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni tqis li verament ir-rikorrenti mhux rapprezentati f'isimhom proprio fil-proceduri odjerni u ghalhekk li kieku kellha taghti decizjoni dwar id-debilita' permanenti allegatament sofferta minnhom rizultat tat-telfa ta' binthom tkun qed tiddeciedi 'ultra' jew 'extra petita' l-kompetenza li giet vestita bih mal-intavolar tar-rikors guramentat odjern. Il-Qorti ghalhekk ser tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif relatati mal-allegata debilita permanenti sofferta mir-rikorrenti personalment.

**<u>Danni Morali:</u>**

Illi l-artikolu 1045 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta llum il-gurnata jaqra kif isegwi:

'(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:

Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-

dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal-piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elefeuro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid iġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġi kakkawżati li-rikorrent.

(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.'

Ir-rikorrenti jippretendu li din il-Qorti ghandha wkoll tillikwida somma flus bhala dovuta lihom mill-intimati rapprezentanti danni morali fit-termini tal-ligi suesposta u jissottomettu li l-artikolu 1045 wahdu jista' jigi nterpretat li huwa bi ksur tad-drittijiet fundamentali u ghalhekk b'applikazzjoni wkoll tal-artikolu 1033 l-intimat ghandu jigi kundannat ihallas ukoll id-danni morali.

Illi  l-artikolu 1033 tal-Kap. 16 jaqra kif isegwi:

'1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.'

L-intimati jsostnu li r-rikorrenti ma ghandhomx jedd ghall-hlas ta' danni morali principalment ghal zewg ragunijiet:

(i) L-artikolu 1045 tal-Kodici Civili ma kienx jinkludi danni morali dakinhar li sehh l-incident;

(ii) Illi l-artikolu 1045 kif emendat wara li gie originarjament promulgat jeskludi l-applikazzjoni tieghu f'kaz ta' reati involontarji bhal ma hu l-kaz odjern.

Il-Qorti rat li l-Att XIII.2018.25 datat li fl-emenda ghall-artikolu 1045 jaqra kif isegwi:

'fis-subartikolu (1) tal-artikolu 1045 tiegħu, minflok il-kliem "li dak l-għemil seta' jġib." għandhom jidħlu l-kliem "li dak l-għemil seta' jġib:", u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin: "Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara:

Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.'

Il-Qorti rat li l-artikolu 1045 rega' gie emendat fl-20 ta' Lulju, 2018 permezz tal-att XXXIII.2018.15 kif isegwi:

'L-ewwel u t-tieni provisos tas-subartikolu (1) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista'b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġiriparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent."

Illi mill-imputazzjonijiet migjuba kontra l-intimat u li jirrizultaw mill-kopja tal-imputazzjoni esebita a fol. 41 fl-atti, l-Qorti rat li l-intimat huwa akkuzat b'reat involontarju u ghalhekk *prima facie* jidher li dan huwa llum eskluz mill-applikazzjoni tal-proviso tal-artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Il-Qorti rat ukoll li huwa minnu li l-artikolu 1045 dakinhar li sehh l-incident ma kienx jipprovdi ghal danni morali. Il-kawza odjerna wkoll giet intavolata nhar it-3 ta' Settembru, 2018 u ghalhekk lanqas jista' jigi argumentat mir-rikorrenti li l-artikolu kif emendat fit-30 ta' April, 2018 jista' b'xi mod japplika ghalihom stante li sakemm giet intavolata l-kawza odjerna l-artikolu gie emendat sabiex jeskludi reati involontarji bhal fil-kaz odjern.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hlas ta' danni morali stante li hija legalment insostenibbli.

**<u>Decizjoni:</u>**

Għaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati biss sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz u tichadhom fil-bqija, tghaddi sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament u tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fil-vesti ta' eredi ta' Stephanie Rapa f'dik is-somma li qed tiġi likwidata minn din il-Qorti fit-tieni talba, rappreżentanti d-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-inċident li seħħ nhar id-19 ta' Ottubru 2017 meta l-intimat Anthony Chircop tajjar lil Stephanie Rapa liema incident din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi li sehh f'nofs responsabilta' ta' u rizultat ta' imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess Anthony Chircop u f'nofs ir-responsabilta' rizultat ta' agir tal-istess vittma Stephanie Rapa, f'liema incident Stephanie Rapa tilfet ħajjitha.

Ghar-ragunijiet gia suesposti, tichad dik il-parti tal-ewwel talba fejn ir-rikorrenti qed jitolbu l-kundanna u likwidazzjoni ta' hlas ta' danni sofferti minnhom personalment u danni morali sanċiti fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti fil-vesti taghhom ta' eredi ta' Stephanie Rapa limitatament u tillikwida d-danni sofferti minnhom rizultat tal-agir tal-intimat li gie attribwit nofs ir-responsabilta' tal-incident li wassal ghal mewt ta' Stephanie Rapa fis-somma ta' **mija u disa' u hamsin elf, seba' mija u erba' u sittin Euro u sebghin centezmu (€159,764.70) konsistenti f'Lucrum Cessans u s-somma ta' elfejn, mitejn u sebgha Euro u**

**hamsin centezmu (€2207.50) Damnum Emergens.** Ghar-ragunijiet kif suesposti, tichad il-bqija tat-tieni talba fir-rigward ta' danni sofferti personalment mir-rikorrenti u danni morali;

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' **mija u wiehed u sittin Elf, disa' mija u tnejn u sebghin Euro u ghoxrin centezmu (€161,972.20);**

Bl-ispejjez kollha, eskluzi dawk relatati mal-espert mediku Dr. Joseph Cassar, ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs, filwaqt li l-ispejjez tal-espert mediku Dr. Joseph Cassar ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

L-imghax skont il-ligi jibda jiddekorri mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Ġunju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Reġistratur**
**28 ta' Ġunju, 2022**